# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 6 ta' Lulju, 2001.**

**Numru 8**

**Citaz. Nru. 1048/01GV**

**Wembly Stores Company Limited**

**vs**

**Nicholson's The Supermarket Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija vera cert u likwidu debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbat elef disa' mija tlieta u tmenin lira u tmien centezmi (Lm4,983.08) dovuta bhala prezz ta' materjal mibjugh u konsenjat (Dok. A);

Premess illi ghalkemm interpellata biex thallas dan l-ammont is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi fil-fehma tas-socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'iggib ghat-talbiet attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit Dok. B;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta vera cert u likwidu debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbat elef disa' mija tlieta u tmenin lira u tmien centezmu (Lm4,983.08) dovuta bhala prezz ta' oggetti mibjugha u konsenjata;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma fuq indikata;

Bl-ispejjez, bl-imghax legali mid-data tal-konsenja kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fidc-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**